Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 751/00

Zammit & Cachia Limited

Vs

Small Shops plc

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tmintax-il lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm818.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez , inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Mejju 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-interessi legali mill-4 ta' Marzu tas-sena 1999 u cioe' d-data tal-ahhar konsenja u bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas ma bghatu rapprezentant fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tminn mija u tmintax liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm818.75) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Marzu 1999.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg